**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**-vs-**

**Stefano Montebello, detentur tal-karta tal-identita` 52585M**

***Kump. Nru. 493/2016***

Illum 20 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Stefano Montebello talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' Awwissu, 2016, u fil-ġranet ta' wara, approprija ruħu, billi dawwar bi profitt ghalih jew għal persuna oħra, minn generator 40KVA tad-ditta VISA li huwa stmat li jiswa aktar minn ħamest elef ewro (€5,000), liema generator ġie fdat jew ikkunsinnat lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnu speċifikat u dan għad-detriment ta' Alan Carabott u/jew A&S Billboards Signs Events ta' Marsaskala, liema generator ġie fdat lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħek jew minħabba depożitu neċessarju;

2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biżgħa dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-detriment ta' Alan Carabott u/jew A&S Billboards Signs Events ta' Marsaskala;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-detriment ta' Alan Carabott u/jew A&S Billboards Signs Events ta' Marsaskala;

U b'hekk Stefano Montebello sar reċidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. A. Vella LL.D. datata 24 ta' Ottubru 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2017, l-imputat irregistra ammissjoni fuq l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l- imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi t-tieni w it-tielet imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet.

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali tieghu li ma hi xejn felici, tal-fatt li l-imputat hu mahkum mill-vizzju tad-droga w li r-reati minnhu komessi saru biex ikun f'posizzjoni jkompli jiffinanzja dan il-vizzju w ic-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal tlettin xahar prigunerija.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn (2) snin sabiex jinghata l-ghajnuna mehtiega biex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Kif ukoll il-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin sabiex Stefano Montebello jinghata l-ghajnuna kollha minnufih inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonoqs milli josserva l-ordni imposta fuqu llum.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali peress ma jirrizultax li kien hemm spejjez peritali.

Finalment il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**